MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
# (GURISDIZZJONI KOSTITUZZJONALI)

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

Seduta tat-18 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 45/2013

**Alan Muscat**

**vs**

**L-Avukat Generali**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors li r-rikorrent Alan Muscatipprezenta fil-25 ta' Gunju 2013, li jaqra hekk:

Illi l-esponenti jinsabu ghaddejjin proceduri kriminali quddiem il-Qorti Kriminali, fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Henry Grogan et, Att ta' Akkuza numru 7/2012, akkuzat inter alia b'assoccjazzjoni ma' terzi sabiex tigi ttraffikata d-droga cannabis;

Illi dan il-kaz beda wara li certu Anthony Calleja kien informa lill-pulizija li hu kien lest li jgibilhom kaz tajjeb tad-droga. Saru xi verifiki fuq l-identita' tal-persuni li Anthony Calleja kien semma' u wara l-pulizija talbet lill-Magistrat tal-Ghassa l-permess sabiex issir '*controlled delivery*';

Illi Anthony Calleja gie nfurmat sabiex igib dan il-kaz u li kienet se tinzamm '*controlled delivery*' u fil-fatt din il-'*controlled delivery*' saret u gew arrestati erbgha min-nies fosthom ir-rikorrenti;

Illi jidher car li din il-'*controlled delivery*' kienet kompletament instigata mill-pulizija ezekuttiva u kieku ma kienx hemm l-instigazzjoni tal-pulizija kieku qatt ma kienet se tigi ttraffikata d-droga f'dan il-kaz. Fil-fatt, l-ebda assoccjazzjoni ma kien hemm u l-assoccjazzjoni sabiex tigi ttraffikata d-droga inholqot wara li Anthony Calleja fuq insistenza tal-Pulizija cempel persuna sabiex igiblu d-droga;

Illi ghalhekk il-pulizija agixxew ta' *agent prococateurs* sakemm eventwalment ir-rikorrenti gie 'entrapped' u konsegwentement arrestat u mixli bit-traffikar u assoccjazzjoni fit-traffikar tad-droga. Din tohrog cara mix-xhieda li taw il-pulizija quddiem il-Qorti Istruttorja;

Illi dan l-agir jikkostitwixxi ksur tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-fatt, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fil-kawza fl-ismijiet Teixeira De Castro vs Portugal, deciza nhar id-9 ta' Gunju 1998 irriteniet illi:

'*Use of undercover agents had to be restricted and safeguards put in place even in cases concerning fight against drug trafficking – public interest could not justify use of evidence obtained as a result of police incitement.*'

'*In case before Court not contended that officers' intervention had taken place as part of anti-drug-trafficking operations ordered and supervised by a judge – competent authorities did not have good reason to suspect that applicant was a drug trafficker – necessary inference from the circumstance of case was that two*

*police officers had not confined themselves to investigating applicant's criminal activity in an essentially passive manner, but had exercised an influence such as to incite commission of offence. Two police officers' actions had gone beyond those of undercover agents – their intervention and its use in the impugned criminal proceedings had meant that, right from outset applicant had been definitively deprived of fair trial.*'

Illi ghalhekk huwa car li kif agixxew il-pulizija f'dan il-kaz gew miksura d-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti kif kontemplati fl-artikoli 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem;

Illi l-istess principju gie kkonfermat fis-sentenza Regina vs Loosely moghtija mill-House of Lords nhar il-25 ta' Ottubru 2001 fejn intqal;

'*Entrapment* and the use of evidence obtained by *entrapment* ('as a result of police incitement'), may deprive a defendant of the right to a fair trail embodied in article 6: see the decision of the European Court of Human Rights in Teixeira de Castro vs Portugal (1998) 28 EHRR 101.

Accordingly, one has to look elsewhere for assistance in identifying the limits to the types of police conduct which, in any set of circumstances, are acceptable. On this, a useful guide is to consider whether the police did no more than present the defendant with an unexceptional opportunity to commit a crime. I emphasis the word unexceptional. The yardstick for the purpose of this test is, in general, whether the polce conduct preceding the commission of the offence was no more than might have been expected from others in the circumstances. Police conduct of this nature is not to be regarded as inciting or instigating crime, or luring a person into committing a crime. The police did no more than others could be expected to do. The Police did not create crime artificially. McHugh J had this approach in mind in Ridgeway vs The Queen (1995) 184 CLR 19, 92, when he said:

‘The State can justify the use of *entrapment* techniques to induce the commission of an offence only when the inducement is consistent with the ordinary temptations and stratagems that are likely to be encountered in the course of criminal activity. That may mean that some degree of deception, importunity and even threats on the part of the authorities may be acceptable. But once the State goes beyond the ordinary, it is likely to increase the incidence of crime by artificial mean.’

This is by no means the only factor to be taken into account when assessing the propriety of police conduct. The investigatory technique of providing an opportunity to commit a crime touches upon other sensitive areas. Of its nature this technique is intrusive to a greater or lesser degree, on the facts. It should not be applied in a random fashion, and used for wholesale ‘virtue-testing’ without good reason. The greater the degree of intrusiveness, the closer will the court scrutinise the reason for using it. On this, proportionality has a role to play.

The case of Teixeira de Castro vs Portugal (1998) 28 EHRR 101 concerned a conviction for trafficking in heroin, based mainly on statements of two police officers. The European Court of Human Rights held that the necessary inference form the circumstances was that these officers had ‘exercised an influence such as to incite the commission of the offence’. The court concluded there had been a violation of the applicant’s right to a fair trial under article 6(1),

Illi dawn il-principji gew ghal darba ohra kkonfermati f’sentenza ricenti fl-ismijiet Veselov and others vs Russia moghtija mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fit-2 ta’ Ottubru 2012.

Illi ghalhekk ir-rikorrenti jissottometti li l-‘*controlled delivery*’ f’dan il-kaz kif ukoll l-evidenza migbura bis-sahha taghha hija leziva tad-drittijiet tieghu peress li tmur kontra l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u

ghalhekk m'ghandha jkollha l-ebda valur probatory fil-kawza kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Henry Grogan et. institwita b'Att ta' Akkuza numru 7/2012.

F'dan il-kaz gie sostnut il-principju wkoll li –

'... a clear distinction had to be made between the use of police informants as sources and their involvement in police controlled covert operation. Their role had to remain strictly passive so as not to incite the commission of the offence.'

Ghaldaqstant, l-esponent jitlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tiddikjara li dan il-kaz kien kaz ta' '*entrapment*' u li ntuzat '*controlled delivery*' abbuziva fil-konfront tieghu u ghalhekk leziv tad-drittijiet tal-esponenti kif sanciti fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u konsegwentement tordna li l-evidenza migbura kollha permezz tal-'control delivery' m'ghandha l-ebda valur probatorju fil-kawza kriminali fl-ismijiet Repubblika ta' Malta vs Henry Grogan et. institwita b'Att ta' Akkuza numru 7/2012 okkorrendo jekk ikun il-kaz, l-isfilz ta' din l-istess evidenza minn dan l-istess kaz salv kull provvediment xieraq u opportun.

Rat ir-risposta li ressaq l-intimat u li in forza taghha eccepixxa illi:

Preliminarjament, l-esponent jemmen li l-azzjoni tar-rikorrent hija għal kollox intempestiva. Dan għaliex kif tajjeb intqal mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Morgan Ehi Egbomon vs. Avukat Ġenerali*** maqtugħa fis-16 ta' Marzu 2011, ladarba f'dan il-każ il-proċess kriminali għadu ma ġiex mismugħ u mitmum, s'issa għadu mhux magħruf kif u taħt liema ċirkostanzi huwa sejjer jiġi żvantaġġjat waqt is-smigħ tiegħu. Tassew wieħed tabilfors jistaqsi, kif ir-rikorrent jista' jisħaq li huwa mhux ħa jkollu smigħ xieraq meta l-ġuri tiegħu għadu lanqas biss inbeda? Jiġi b'hekk, li f'dan l-istadju tal-proċeduri mhuwiex indikattiv li l-ilment tar-rikorrent jiġi diskuss u trattat *in vacuo* u b'hekk din l-Onorabbli Qorti hija mitluba biex ma

teżerċitax is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali tagħha;

F’dan il-kuntest huwa stabbilit anke f’ġurisprudenza konsistenti, li biex tinsab leżjoni tas-smigħ xieraq kif imħares taħt l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea** u **l-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**, huwa meħtieġ li l-proċess ġudizzjarju jiġi eżaminat fil-kumpless kollu tiegħu. Allura l-ilment ta’ nuqqas ta’ smigħ xieraq imqanqal mir-rikorrent jista’ jiġi biss eżaminat ladarba l-proċess kriminali tiegħu jiġi konkjuż;

Wara kollox jekk ir-rikorrent ried jikkontesta s-siwi u l-ammissibilità tal-provi li fuqhom il-prosekuzzjoni qed tibni l-akkużi tagħha, huwa dejjem seta’ jekk ried ressaq eċċezzjoni f’dan is-sens quddiem il-Qorti Kriminali kif hekk jinsab dispost fl-**artikolu 438(2) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.** Tabilħaqq kwistjoni dwar il-validità u l-legalità ta’ konsenja kkontrollata hija materja fattwali li tolqot l-ammissibilità tal-provi u għalhekk jekk ir-rikorrent qed isostni li l-konsenja kontrollata ma saritx kif suppost jew li fil-verità kien hemm ‘*entrapment’* fuq istigazzjoni tal-Pulizija, allura huwa messu ressaq dan l-ilment quddiem il-Qorti Kriminali għaliex hija din il-Qorti li ġeneralment tittratta kwistjonijiet ta’ din il-bixra peress li huwa quddiemha li ser jinżamm il-ġuri u jittellgħu l-provi. Wara kollox fil-ġurisprudenza domestika nsibu mifruxa bosta sentenzi tal-qrati kriminali fejn daħlu fuq it-temi tal-*entrapment* u tal-aġent provokatur – ara pereżempju s-sentenza erudita tal-Qorti tal-Appell Kriminali (Sede inferjuri) fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Ronald Psaila*** deċiża fit-8 ta’ Jannar 2002 *per* Prim Imħallef *Emeritus* Dr. Vincent DeGaetano;

Fis-sewwa ma huwiex l-iskop ta’ proċeduri kostituzzjonali li jieħdu post dawk ordinarji jew li qrati b’setgħat kostituzzjonali jiddeċiedu kwistjonijiet qabel ma dawn jiġu deċiżi mill-qrati ordinarji. Appuntu f’dan il-każ huwa prudenti li din il-kwistjoni ta’ fatt (ċjoè jekk kienx hemm *controlled delivery* jew *entrapment*), għandha l-ewwel tiġi deċiża mill-Qorti Kriminali li huwa l-organu ġudizzjarju li fil-liġi Maltija huwa mogħti l-ġurisdizzjoni li jiddeċiedi tilwimiet

relatati mal-ammissibbilità ta' evidenza. Jekk ikun hemm bżonn il-Qorti Kriminali tista' tagħmel riferenza kostituzzjonali jekk tħoss li dan huwa meħtieġ biex tiddeċiedi l-kwistjoni. Iżda però fi żgur din l-Onorabbli Qorti b'setgħat kostituzzjonali m'għandhiex taqdi funzjonijiet li bil-liġi huma mogħtija lill-qrati oħra għaliex inkella l-azzjonijiet kostituzzjonali minn azzjonijiet ta' indoli straordinarji jiġu konvertiti għal azzjonijiet ta' xejra ordinarja, bir-riżultat li l-Qrati Kostituzzjonali jibdew jaġixxu minflok il-qrati ordinarji. Dan mhuwiex l-irwol tal-qrati kostituzzjonali u lanqas ma jirrappreżenta r-rieda tal-leġislatur meta huwa ta dawn is-setgħat kostituzzjonali u konvenzjonali lill-imsemmija Qrati;

Għalhekk fid-dawl ta' dan kollu, l-esponent qiegħed umilment jistieden lil din l-Onorabbli Qorti sabiex tiddeklina milli teżerċita s-setgħat kostituzzjonali tagħha *ai termini* tal-**artikolu 46 (2) tal-Kostituzzjoni** u l-*proviso* tal-**artikolu 4 (2) tal-Kap 319 tal-Liġijiet ta' Malta**;

Subordinatament mingħajr preġudizzju għal dak fuq espost, ankorkè wieħed kellu jidħol fuq il-mertu tal-ilment tar-rikorrent, jissokta jingħad li l-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** japplika biss fejn ikun inbeda proċediment quddiem qorti (ara *inter alia* s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili (sede kostituzzjonali) fl-ismijiet ir-***Repubblika ta' Malta vs. Matthew-John Migneco*** deċiża fil-15 ta' Novembru 2011). Infatti anke proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali bħala Qorti Istruttorja mhumiex milquta mill-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** (ara ***Anthony Zarb et vs Ministru tal-Ġustizzja et*** – Qorti Kostituzzjonali tas-16 ta' Ottubru 2002). F'dan il-każ, l-ilment tar-rikorrent jinsab dirett fil-konfront ta' perijodu fejn kienet għadha għaddejja l-investigazzjoni min-naħa tal-Pulizija. Għalhekk ladarba ċ-ċirkostanzi kkontestati mir-rikorrent imorru lura għal ġrajjiet li seħħew qabel ma kienu laħqu nbdew xi proċedimenti kontrih, allura dan ifisser li l-ilment tiegħu ma jaqax fl-ambitu tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni**. Għalhekk safejn l-ilment tar-rikorrent jinsab mibni fuq dan l-artikolu, l-istess għandu jiġi miċħud;

Dejjem bla preġudizzju għas-suespost, għal dak li jolqot l-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,** jiġi sottomess li l-fatt biss li kien hemm '*a controlled delivery'* ma jġibx b'daqshekk ksur tal-jedd tas-smigħ xieraq. F'dan il-kuntest huwa siewi li jiġi rilevat li strataġemmi konsistenti minn operazzjonijiet ta' kunsinnji kkontrollati u użu ta' aġenti provokaturi li permezz tagħhom il-pulizija jikxfu atti kriminali, dawn m'humiex minnhom infushom in vjolazzjoni tal-jedd ta' smigħ xieraq. Huwa biss meta jiġi muri b'mod konvinċenti li r-reat ma kienx ser jiġi mwettaq li kieku ma kienx għal dak l-intervent tal-aġent provokatur, li min-naħa tiegħu jkun induċa lill-individwu biex iwettaq reat, li wieħed ikun jista' jipprospetta sitwazzjoni ta' leżjoni tal-jedd tas-smigħ xieraq. Diversament jekk l-individwu konċernat xorta kellu l-ħsieb li jwettaq dak ir-reat indipendentement mill-intervent tal-aġent allura f'dak il-każ ma hemmx każ ta' '*entrapment'* li jista' jwassal għal ksur tal-jedd ta' smigħ xieraq billi ma kinux l-aġenti provokaturi l-fattur determinanti li induċa lil dak l-individwu biex jikkommetti r-reat;

Fil-każ in eżami bla ma jidħol fuq il-kwistjoni dwar il-ħtija o meno tar-rikorrenti anke minħabba li l-proċeduri kriminali tagħhom għadhom *sub judice*, l-esponent jissottometti li mhuwiex minnu li waqt l-investigazzjoni, il-pulizija ħadmuha bħala xi '*agents provocateurs*'.

Jirriżulta li l-pulizija kienet ġiet mgħarrfa minn terza persuna, ċertu Anthony Calleja, li Henry Grogan kien qallu li huwa kien lest li jaqdih b'ammont sostanzjali ta' raża tal-kannabis. <u>Dan Anthony Calleja kien kixef din l-informazzjoni lill-Pulizija minn jeddu fuq struzzjonijiet tal-Avukat tiegħu u dan mingħajr ma kellu ebda pressjoni mill-Pulizija.</u> Għalhekk mhijiex sewwa l-insinwazzjoni tar-rikorrenti meta jgħid li l-*controlled delivery* kienet kompletament instigata mill-Pulizija;

Issa minn investigazzjoni u osservazzjoni mwettqa mill-Pulizija fuq Henry Grogan irriżulta li kien hemm indizji raġonevoli li kienu jindikaw li dik l-informazzjoni mgħoddija lilhom setgħet kienet korretta. Għalhekk il-Pulizija kisbu l-awtorizzazzjoni meħtieġa mingħand il-Maġistrat tal-

Għassa sabiex huma jkunu jistgħu jwettqu kunsinja kkontrollata skont l-**artikolu 30B tal-Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta.** Minn hemmhekk, taħt is-superviżjoni u osservazzjoni tal-Pulizija, Anthony Calleja daħal f'negozjar ma' Henry Grogan biex jixtri d-droga. Eventwalment meta Henry Grogan fil-kumpanija ta' Luke Muscat u tar-rikorrent Alan Muscat marru biex jagħtu u jikkonsenjaw id-droga lil Anthony Calleja fil-post miftiehem bejniethom, dawn inqabdu u ġew arrestati mill-Pulizija u aktar tard imressqa l-Qorti.

Fl-isfond ta' dawn il-fatti, joħroġ ċar li mhijiex veritjiera l-allegazzjoni tar- rikorrent li l-uffiċjali tal-pulizija b'xi mod instigawhom jew ħajruhom biex huma jaslu jwettqu r-reati li issa qegħdin jiġu mixlija bihom quddiem il-Qorti Kriminali. Infatti l-ftehim tax-xiri tad-droga ma sarx ma' xi membru tal-korp tal-Pulizija jew ma' xi informatur regolari tal-pulizija iżda seħħ ma' terza persuna *ossia* Anthony Calleja, li Henry Grogan kien diġà avviċinah biex ibiegħlu d-drogi. Jiġifieri din l-attività kriminali ma tnisslitx b'xi koinċidenza iżda kienet imbassra li sseħħ minn Henry Grogan.

*Multo magis* imbagħad, irid jingħad li fir-rigward tar-rikorrent Alan Muscat, fi żgur ma kien hemm l-ebda aġent provokatur għaliex l-involviment tiegħu f'din l-affari kriminali kienet waħda assolutament volontarja mingħajr l-intervent ta' ħadd, lanqas minn Anthony Calleja. Għalhekk fil-każ tiegħu wieħed żgur ma jistax jitkellem fuq xi '*entrapment'*. <u>Tassew il-Pulizija lanqas biss kienu jafu li dan Alan Muscat kien ħa jkun fuq il-post meta ġiet mgħoddija d-droga – aħseb u ara kemm il-Pulizija riedu jippruvaw jonsbuh!</u>;

Tabilħaqq il-fatt biss li l-pulizija kienu qegħdin iżommu taħt għajnejhom din il-konsenja tad-droga ma jfissirx b'daqshekk li huma kienu qegħdin jaħdmuha ta' aġenti provokaturi jew li b'xi mod ippruvaw iwaqqgħu lir-rikorrent f'lixka inġustifikata. Propriju f'dan il-każ, il-pulizija kienu qegħdin biss josservaw bir-reqqa l-passi ta' Anthony Calleja li kien informa preċedentement lill-Pulizija li huwa

kien ġie kkuntattjat minn Henry Grigan biex jgħaddilu d-droga.

F’din il-qagħda għalhekk il-pulizija b’ebda mod ma jistgħu jitqiesu bħala l-fattur determinanti li wassal lir-rikorrent biex jesponi ruħu għal proċeduri kriminali skont l-Att ta’ Akkuża bin-numru 7/2012. Dan għaliex ir-rikorrent Alan Muscat ma kien instigat minn ħadd biex huwa jipparteċipa fil-bejgħ tad-droga.

Fuq kollox b’riferenza għal każijiet ta’ ***Teixeira de Castro vs. Il-Portugall*** u ta’ ***Veselov u oħrajn vs. Ir-Russja***, li ġew iċċitati mir-rikorrent, tajjeb li jingħad li f’dan il-każ il-konsenja kontrollata kienet awtorizzata u sanzjonata minn Maġistrat Inkwirenti u mhux minn korp amministattiv, kif hekk kien il-każ fiż-żewġ każijiet imsemmija mir-rikorrent. Barra minn hekk, biex dawn is-sentenzi jkunu jistgħu jgħoddu għall-każ tagħhom, ir-rikorrent irid iseħħlu juri fl-ewwel lok li l-pulizija ma kellhomx raġunijiet tajba biex jissuspettaw li kienu qegħdin isiru negozjati dwar il-bejgħ ta’ droga u fit-tieni lok li l-intervent tal-pulizija (jekk kien hemm) ma kinitx konfinata biss għall-investigazzjoni tal-attività kriminali iżda kienet mirata biex tqanqal influwenza u inċitament biex ikun hemm il-kommissjoni tar-reat min-naħa tar-rikorrent. F’dan il-każ kif fuq spjegat il-Pulizija kellhom suspett raġonevoli li Henry Grogan kien qed jinvolvi ruħu fil-bejgħ tad-drogi, tant li l-Pulizija kisbu l-awtorizzazzjoni mill-Maġistrat Inkwerenti biex iwettqu konsenja kkontrollata fil-konfront tiegħu. Magħdud ma’ dan, il-kommissjoni tar-reat ma seħħx bl-intervent dirett tal-Pulizija. Kemm hu hekk, ir-rikorrent Alan Muscat waħdu daħal fix-xena meta fil-jum tad-delitt huwa saq il-vann li fih kienet tinsab id-droga. Għaldaqstant ir-rikorrent ma jistax jistrieħ fuq dawn is-sentenzi;

Hekk ukoll is-sentenza ***Reġina vs. Loosely*** imsemmija mir-rikorrent fir-rikors ma hijiex ta’ fejda għalih. Anzi bl-oppost din iddur kontra tiegħu, peress li lilhinn mill-konsiderazzjoni li ma kien hemm l-ebda forma ta’ ‘*entrapment’* min-naħa tal-Pulizija, huwa siewi li jiġi rrimarkat li f’dan il-każ, ‘*the police conduct preceding the commission of the offence was no more than might have*

*been expected from others in the circumstances*’. Tassew l-imġieba tal-Pulizija f’dan il-każ ma tistax tiġi meqjusa bħala li inċitat jew instigat it-twettiq ta’ xi reat;

Għalhekk lanqas ma jirriżulta li kien hemm ksur tal-**artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea,**

Fl-aħħarnett dejjem mingħajr ħsara għal dak kollu li ntqal aktar ‘il fuq, l-esponent ma jaqbilx mar-rimedju mitlub mir-rikorrent, jiġifieri dak tal-isfilz ta’ xi evidenza li tinsab fl-atti tal-proċess kriminali. Dan għaliex anke jekk għal ġieħ tal-argument biss jinstab li r-rikorrent ġarrab leżjoni tal-jedd ta’ smigħ xieraq tagħhom, ħaġa li l-esponent assolutament ma jaqbilx, din l-Onorabbli Qorti kemm jista’ jkun m’għandhiex tintrometti ruħha fil-proċess kriminali u kwindi għandha tħalli f’idejn il-Qorti ta’ ġurisdizzjoni kriminali biex tqis u tevalwa s-siwi u l-ammissibilità tal-provi kollha miġjuba quddiemha fil-kawża kriminali;

B’żieda ma’ dan, kif ġie mfisser dan l-aħħar mill-Qorti Kostituzzjonali fis-sentenza ***Charles Steven Muscat vs. Avukat Ġenerali*** tat-8 ta’ Ottubru 2012, il-jedd li jagħtu l-Kostituzzjoni u l-Konvenzjoni huwa dak għal smigħ xieraq. Ma hemm ebda jedd li kull min hu akkużat b’reat kriminali jiġi liberat minn dik l-akkuża, jew li l-akkużat jingħata l-mezzi biex, ħati jew mhux, jinħeles mill-akkuża, jew li, minħabba xi irregolarità, tkun xi tkun, min fuq il-fatti għandu jinstab ħati għandu jitħalla jaħrab il-konsegwenzi ta’ għemilu. Jiġi b’hekk, li fiċ-ċirkostanzi r-rimedju tal-isfilz mitlub mir-rikorrent mhuwiex wieħed indikattiv;

Għaldaqstant fid-dawl tas-suespost l-esponent umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti jogħġobha tiċħad it-talbiet kollha tar-rikorrent bl-ispejjeż kontra tiegħu.

Rat il-verbal tat-8 ta’ Awwissu 2013, fejn inghad li f’dan l-istadju, il-Qorti kellha tiddeciedi fuq l-ewwel tliet eccezzjonijiet preliminari tal-intimat;

Rat in-noti tal-osservazzjonijiet tal-partijiet fuq dawn l-istess tliet eccezzjonijiet preliminari;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti;

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti sejra tibda biex titratta t-tielet eccezzjoni tal-intimat marbuta mal-ezistenza ta’ rimedju ordinarju alternattiv li r-rikorrent ma utilizzax.

Ir-rikorrenti huwa akkuzat, fost affarijiet ohra, b’assoccjazzjoni ma’ terzi sabiex tigi ttraffikata d-droga cannabis. Hu jilmenta mill-fatt li l-allegat involviment tieghu fir-reat kien rizultat ta’ “*entrapment*” jew “*controlled delivery*” abbuziva fil-konfront tieghu mill-Pulizija, bir-rizultat li gew miksura d-drittijiet fundamentali tieghu kif kontemplati fl-artikolu 39 tal-Kostituzzjoni u l-artikolu 6(1) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem. Qed jigi allegat li meta jkun hemm “*entrapment*” ikun hemm dak li l-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem iddeskriviet bhala agir tal-Pulizija li “*exercised an influence such as to incite the commission of the offence*” (ara sentenza “Teixeira de Castro vs Portugal”, deciza fl-1998 28 EHRR 101), liema agir huwa leziv tad-drittijiet tal-persuna involuta.

Il-kaz ta’ “*entrapment*” huwa, pero’, differenti mill-kaz ta’ “*controlled delivery*”. Kif jinghad fil-ktieb ta’ Archbold (“Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice”, Ediz. 2001, pagni 1534 – 1535).

“*In Nottingham City Council vs Amin [2000] 1 Cr.App.R. 426, DC, Lord Bingham C.J., distinguishing de Castro, said it was “deeply offensive to ordinary notions of fairness” if a defendant were to be convicted of a crime which he only committed because he had been “incited, instigated, persuaded, pressurised or wheedled” by a law enforcement officer. It was, however, unobjectionable if such an officer gave a defendant an opportunity to break the law, of which the defendant freely took advantage, in circumstances where it appears that the defendant would have behaved in the same way if the opportunity had been offered by anyone else.*”

Fil-fatt, fil-kaz tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta), li taħtha r-rikorrent jinsab akkuzat, huwa permess li jsir "*controlled delivery*". L-Artikolu 30B jiddisponi hekk in materja:

"***30B.*** *(1) Minkejja kull haga li tinsab f'kull ligi ohra, il-Pulizija Ezekuttiva, u fejn ikun il-kaz, l-Awtoritajiet tad-Dwana, jistghu, bil-kunsens tal-Avukat Generali jew ta' Magistrat, ihallu li ssir konsenja kontrollata.*

*(2) Ghall-finijiet ta' dan l-artikolu, konsenja kontrollata tfisser it-teknika li biha konsenja llecita jew suspettata ta' medicina perikoluza (kif imfissra fl-artikolu 12) jew ta' flus, proprjeta' jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1C)(a) tithalla tohrog minn Malta, tghaddi minn Malta jew tidhol Malta, jew tithalla tghaddi minn post jew minghand persuna f'Malta ghal post iehor jew persuna ohra f'Malta, jew tithalla fit-territorju ta' pajjiz iehor bil-kunsens u taht is-sorveljanza tal-Pulizija Ezekuttiva u, fejn tkun il-kaz, tal-Awtoritajiet tad-Dwana u tal-awtoritajiet kompetenti ta' dak il-pajjiz iehor, bil-ghan li jigu identifikati l-persuni involuti fl-ghemil tar-reati taht din l-Ordinanza jew taht il-ligi korrispondenti li tkun issehh fit-territorju ta' dak il-pajjiz iehor.*

*(3) Il-Pulizija Ezekuttiva jew xi persuna taht is-sorveljanza jew direzzjoni tal-Pulizija Ezekuttiva tista', bil-kunsens tal-Avukat Generali jew ta' Magistrat, bil-ghan li tidentifika persuni involuti fl-ghemil ter-reati taht din l-Ordinanza, takkwista jew tipprokura medicina perikoluza (kif imfissra fl-artikolu 12) jew konsenja suspetta ta' flus, proprjeta' jew rikavat kif hemm imsemmi fl-artikolu 22(1C)(a) minghand kull persuna u minn kull post.*"

Huwa importanti li jinghad li r-rikorrenti mhux qed jikkontesta l-kostituzzjonalita' ta' dan il-provediment tal-ligi, izda qed jghid li, fil-kaz tieghu, il-konsenja kontrollata kienet abbuziva, tant li tekwivali ghal "*entrapment*". Dan ifisser, kif tajjeb issottometta l-intimat, li l-materja hija wahda ta' ammissibilita' ta' prova, fis-sens li, jekk l-agir tal-Pulizija f'dan il-kaz kien skont il-ligi, allura l-prova li tohrog minn dak l-agir hija ammissibbli, fil-waqt li jekk l-

agir ma kienx skont il-ligi, izda kien abbuziv u jmur oltre l-limiti ta' dak permess mil-ligi, il-prova ma tkunx ammissibbli. Ifisser li jekk ir-rikorrent irid jikkontesta l-ammissibilita' tal-prova li fuqha l-prosekuzzjoni qed tibni l-kaz taghha, huwa dejjem seta', jekk ried, iressaq eccezzjoni f'dan is-sens quddiem il-Qorti Kriminali kif indikat fl-artikolu 438(2) tal-Kodici Kriminali (Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta). Kwistjoni dwar il-validita' u l-legalita' ta' konsenja kontrollata hija wahda ta' fatt li tolqot l-ammissibilita' tal-provi, u r-rikorrenti kellu, allura, rimedju ordinarju effettiv ghal-lanjanza tieghu.

Hu maghruf illi mhuwiex l-iskop ta' proceduri kostituzzjonali li jiehdu post dawk ordinarji jew li l-qrati b'setghat kostituzzjonali jiddeciedu kwistjonijiet li jistghu jigu decizi mill-qrati ordinarji (ara "Rapa vs Chairman tal-Awtorita' tal-Ippjanar et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-31 ta' Mejju, 2000). Hija l-Qorti Kriminali li ghandha s-setgha tiddeciedi l-kwistjoni ta' fatt, u cioe', jekk l-agir tal-Pulizija jaqax fl-isfera ta' dak permess bl-artikolu 30B imsemmi, u dan peress illi, bil-ligi, lilha huwa moghti l-gurisdizzjoni li tiddeciedi tilwimiet relatati mal-ammissibilita' ta' evidenza. L-artikolu 30B jippermetti biss konsenja kontrollata u mhux "*entrapment*", u sta ghall-Qorti Kriminali tiddeciedi x'gara fil-kaz in kwistjoni. Din il-Qorti, fil-funzjoni taghha kostituzzjonali, m'ghandhiex taqdi funzjonijiet li bil-ligi huma moghtija lill-qrati ohra, ghax darba lanjanza tista' tigi mistharrga minn qorti ordinarja, u skont il-kaz, ikun jista' jinghata rimedju opportun u effettiv, dak li jkun m'ghandux ifittex mill-ewwel ir-rimedju straordinarju. Meta huwa car li hemm jew kien hemm mezzi ordinarji disponibbli ghar-rikorrent biex ikollu rimedju ghad-dannu li qed jillamenta, bhala principju generali dawn ghandhom jigu adoperati, u r-rikors ghall-organu ta' natura kostituzzjonali ghandu jsir, se mai, wara li l-ordinarji jigu ezawriti – ara "Easygas Malta Ltd vs Ministru ghar-Rizorsi u Affarijiet Rurali et", deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fit-30 ta' Novembru 2012. Inghad, fil-fatt, f'din is-sentenza li rimedju taht il-ligi ordinarja, fejn jezisti, ghandu dejjem jitqies "preferibbli".

Kwindi t-tielet eccezzjoni tal-intimat ghandha mis-sewwa, u ladarba din sejra tintlaqa’, il-Qorti ma tarax il-htiega li tidhol biex tezamina wkoll l-ewwel zewg eccezzjonijiet preliminari tal-intimat.

Ghaldaqstant, in vista tal-premess tiddeciedi li ai termini tal-artikolu 46(2) tal-Kostituzzjoni ta’ Malta u tal-artikolu 4(2) tal-Kap. 319, tiddeklina milli tezercita l-gurisdizzjoni kostituzzjonali taghha taht il-Kostituzzjoni ta’ Malta u taht l-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea stante li hi sodisfatta li r-rikorrenti kellu rimedji ohra disponibbli ghalih ghal dak minnu allegat taht il-ligi ordinarja, li l-istess rikorrenti ghazel li ma jutilizzax.

Illi konsegwentement tillibera lill-intimat mill-osservanza tal-gudizzju; spejjez a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------